IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 28.5.2020
COM(2020) 441 final

2020/0111 (NLE)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi Strument ta' Rkupru tal-Unjoni Ewropea insostenn tal-irkupru wara l-pandemija tal-COVID-19

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Il-pandemija tal-COVID-19 tikkostitwixxi fi kriżi mifruxa u serja tas-saħħa pubblika. Hija taffettwa b'mod gravi liċ-ċittadini, lis-soċjetajiet u lill-ekonomiji madwar id-dinja. Il-firxa tal-kriżi tas-saħħa u r-reazzjonijiet ta' politika biex tiġi kkontrollata huma bla preċedent. B'hekk teżisti inċertezza kbira dwar ir-riperkussjonijiet soċjoekonomiċi tagħha. F'dan l-istadju diġà huwa ċert li tippreżenta sfidi kbar u mingħajr preċedent għas-sistemi finanzjarji u ekonomiċi tal-Istati Membri. Skont it-tbassir ekonomiku tar-rebbiegħa tal-Kummissjoni[1], il-PDG tal-UE huwa mbassar li jonqos b'madwar 7,5 % din is-sena - ferm aktar milli matul il-kriżi finanzjarja globali fl-2009 - u li jirkupra b' 6 % biss fl-2021, filwaqt li r-rata tal-qgħad tal-UE mistennija tiżdied għal 9 % fl-2020, bir-riskju li jiżdiedu l-faqar u l-inugwaljanza.

B'rispons, l-Istati Membri adottaw miżuri eċċezzjonali ta' natura ekonomika u finanzjarja. Flimkien mal-effett tal-hekk imsejħa "stabbilizzaturi awtomatiċi", jiġifieri pagamenti previsti fil-qafas tal-assigurazzjoni kontra l-qgħad u tas-sistemi tas-sigurtà soċjali flimkien mat-telf ta' dħul mit-taxxa, dawn il-miżuri għandhom impatt konsiderevoli fuq il-finanzi pubbliċi tagħhom bid-defiċit aggregat tal-amministrazzjoni pubblika jiżdied minn 0,6 % tal-PDG fl-2019 għal 8,5 % tal-PDG kemm fiż-żona tal-euro kif ukoll fl-UE din is-sena.

Ix-xokk għall-ekonomija tal-UE huwa simetriku, fis-sens li l-pandemija laqtet lill-Istati Membri kollha, madankollu l-impatt tal-pandemija jvarja b'mod konsiderevoli bejn l-Istati Membri, l-istess bħall-kapaċità tagħhom li jassorbu x-xokk ekonomiku u fiskali u jirreaġixxu għalih, skont l-istrutturi ekonomiċi speċifiċi u l-kundizzjonijiet inizjali tal-Istati Membri. B'riżultat ta' dan hemm ir-riskju li l-kriżi tkabbar id-disparitajiet fl-Unjoni, u b'hekk thedded ir-reżiljenza ekonomika u soċjali kollettiva.

L-Unjoni aġixxiet b'mod rapidu biex tipprovdi rispons kollettiv koordinat u b'saħħtu għall-konsegwenzi soċjali u ekonomiċi tal-kriżi, fil-limiti tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali attwali li jiskadi fl-2020. Dak ir-rispons jikkomplementa l-miżuri ekonomiċi u finanzjarji diskrezzjonali meħuda mill-Istati Membri.

Il-kriżi tista' toħloq dannu fit-tul għat-tessut ekonomiku tal-Unjoni sakemm ma tiġix miġġielda b'rispons politiku proporzjonat, ta' żmien qasir u medju, adottat fil-livell tal-Unjoni.

Pjan komprensiv għall-irkupru Ewropew se jkun jeħtieġ investiment pubbliku u privat massiv fil-livell Ewropew, biex l-Unjoni ssegwi b'mod sod il-perkors lejn irkupru sostenibbli u reżiljenti, bil-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità għolja u bit-tiswija tal-ħsara immedjata kkawżata mill-pandemija tal-COVID-19 filwaqt li jiġu appoġġati l-prijoritajiet ekoloġiċi u diġitali tal-Unjoni. Sabiex jiġi pprovdut il-finanzjament għall-att propost, il-Kummissjoni tipproponi emenda tal-[ORD] li tkun tawtorizza lill-Unjoni biex tissellef b'mod temporanju u eċċezzjonali l-ammont ta' EUR 750 biljun fi prezzijiet tal-2018, biex iżżid il-limitu massimu tar-riżorsi proprji biex takkomoda l-obbligazzjonijiet u l-obbligazzjonijiet kontinġenti għas-self lill-Istati Membri. L-att propost jiddetermina l-allokazzjoni tal-fondi għall-programmi differenti tal-Unjoni skont l-istrateġija stabbilita fil-Pjan ta' Rkupru tal-Unjoni Ewropea.

[1] It-Tbassir Ekonomiku Ewropew, Institutional Paper Nru 125. Mejju 2020.

EUR 500 biljun fi prezzijiet tal-2018 se jintefqu għal appoġġ li ma jitħallasx lura, appoġġ li jitħallas lura permezz ta' strumenti finanzjarji jew għal proviżjonament għall-garanziji baġitarji u nefqa relatata.

EUR 250 biljun fi prezzijiet tal-2018 se jintużaw biex jiġi pprovdut self lill-Istati Membri. L-Unjoni se ġġorr l-obbligazzjoni kontinġenti fil-forma ta' garanzija għal dak is-self sakemm jitħallas lura.

L-Artikolu 3 jiffissa l-ammont massimu li jista' jiffinanzja l-Istrument. L-Artikolu 3 jistipula wkoll b'mod ċar kif jistgħu jintużaw il-fondi, u jiddeskrivi l-programmi riċevituri, kif ukoll in-natura tal-appoġġ (għotjiet, self u garanziji). Fl-Artikoli 2 u 4 dan ir-Regolament jillimita wkoll b'mod strett l-ambitu u l-perjodu li fih jistgħu jintużaw il-fondi. Dan jeskludi li l-Istrument ta' Rkupru tal-Unjoni Ewropea jista' jintuża għal kwalunkwe skop għajr l-indirizzar tal-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali diretti tal-kriżi.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

L-Istrument ta' Rkupru tal-Unjoni Ewropea jipprovdi finanzjament għall-miżuri u l-azzjonijiet li għandhom jitwettqu kif deskritt fil-Pjan tal-Irkupru tal-Unjoni Ewropea. Ir-riżorsi miġbura permezz tal-ħruġ se jintużaw għall-programmi tal-Unjoni li jaqgħu fil-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss fl-oqsma li ġejjin:

- L-għoti ta' appoġġ fil-forma ta' għotjiet u self biex jiġu implimentati pjanijiet ta' rkupru u ta' reżiljenza tal-Istati Membri skont il-Faċilità ta' Rkupru u ta' Reżiljenza;
- L-għoti ta' appoġġ ġdid ta' investiment fil-qafas tal-garanziji baġitarji eżistenti u proposti (FEIS/InvestEU), fost l-oħrajn għal (1) kumpaniji milquta mill-kriżi iżda vijabbli biex joħorġu mill-kriżi, b'mod partikolari biex titħaffef it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali; (2) appoġġ immirat għal proġetti ta' interess strateġiku Ewropew għal ktajjen ta' provvista tas-suq intern biex tiġi żviluppata l-awtonomija strateġika tal-UE f'setturi u kapaċitajiet ewlenin;
- Appoġġ imsaħħaħ għar-reġjuni u s-setturi milquta mill-kriżi permezz ta' miżuri tal-politika ta' koeżjoni msaħħa;
- L-appoġġ għar-riċerka u l-innovazzjoni b'rispons għall-pandemija tal-COVID-19;
- It-tisħiħ tal-livell ta' tħejjija għall-kriżijiet u t-titjib tar-reżiljenza strateġika tas-sistemi tal-kura tas-saħħa tal-Unjoni;
- Il-mitigazzjoni tal-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 fuq it-tranżizzjoni ġusta lejn ekonomija ekoloġika fit-territorji;
- L-appoġġ għall-miżuri li jindirizzaw l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 fuq l-iżvilupp rurali;
- L-appoġġ għall-pajjiżi sħab, b'mod partikolari fil-Balkani tal-Punent, fil-Viċinat u fl-Afrika, fl-isforzi tagħhom biex jiġġieldu u jirkupraw mill-impatt tal-pandemija u biex isaħħu r-reżiljenza tagħhom.

L-azzjonijiet u l-miżuri se jitwettqu f'konformità mal-kundizzjonijiet stipulati fl-atti bażiċi li jistabbilixxu l-istrumenti ta' politika. Minħabba f'hekk il-Kummissjoni qed tippreżenta b'mod parallel il-proposti leġiżlattivi neċessarji li jiżguraw li dawk l-istrumenti ta' politika jistgħu jirċievu d-dħul assenjat estern li jirriżulta mill-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

L-Artikolu 122 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jipprevedi l-possibbiltà ta' miżuri, deċiżi fi spirtu ta' solidarjetà bejn l-Istati Membri, li jkunu xierqa għas-sitwazzjoni

ekonomika. Is-sitwazzjoni attwali hija bla preċedent. Hija kkaratterizzata minn diffikultajiet serji li huma kkawżati minn ċirkostanzi eċċezzjonali li mhumiex fil-kontroll tal-Istati Membri. Għaldaqstant, huwa xieraq li jiġu adottati miżuri temporanji eċċezzjonali skont l-Artikolu 122 TFUE insostenn tal-irkupru u tar-reżiljenza fl-Unjoni.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

L-objettiv segwit b'dan l-istrument ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri individwalment minħabba l-iskala tal-miżuri li jeħtieġ li jittieħdu. L-Istrument ta' Rkupru tal-Unjoni Ewropea jippermetti lill-Unjoni tikkomplementa l-miżuri ekonomiċi u finanzjarji tal-Istati Membri, b'mod partikolari fil-forma ta' "stabbilizzaturi awtomatiċi" u miżuri ekonomiċi u finanzjarji diskrezzjonarji, b'żieda rapida, immirata u sinifikanti fin-nefqa diskrezzjonarja.

Tali mobilizzazzjoni komplementari tal-fondi tiżgura li s-suq intern ma jiġix imminat mid-differenzi fl-abbiltà tal-Istati Membri li jimmobilizzaw il-fondi, u fi spirtu ta' solidarjetà tipprovdi finanzjament anki lill-Istati Membri li għandhom spazju fiskali limitat għan-nefqa diskrezzjonarja. Barra minn hekk tiżgura li n-nefqa ssir fuq il-bażi ta' strateġija ekonomika koerenti kkoordinata bejn l-Istati Membri.

Hija biss tali azzjoni konġunta motivata minn spirtu ta' solidarjetà bejn l-Istati Membri fi żmien ta' kriżi li tista' tiżgura li jiġu mobilizzati riżorsi suffiċjenti għall-ġenerazzjoni ta' interventi effettivi mill-Unjoni fl-oqsma jew is-setturi l-iktar milquta.

- **Proporzjonalità**

Il-finanzjament mill-Istrument ta' Rkupru tal-Unjoni Ewropea fil-volumi meħtieġa huwa dovut għaċ-ċirkostanzi bla preċedent li tinsab fihom l-Unjoni. L-Istrument ta' Rkupru huwa ċirkoskritt b'mod ċar f'termini ta' tul u użu. Dan jiżgura li l-użu tiegħu jkun strettament limitat biex ikun indirizzat l-impatt ta' din il-kriżi fuq skala proporzjonata għall-impatt ta' din il-kriżi. Il-finanzjament se jkun immirat lejn il-ħtieġa li jiġi pprovdut appoġġ immedjat u b'saħħtu għall-irkupru ekonomiku.

- **Għażla tal-istrument**

Il-Kummissjoni tqis li jkun opportun li taġixxi permezz ta' regolament minħabba l-applikabbiltà diretta u immedjata tiegħu u l-ambitu ġenerali tiegħu.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Minħabba l-urġenza biex titħejja l-proposta biex tkun tista' tiġi adottata malajr mill-Kunsill, ma setgħetx titwettaq konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Mhux rilevanti

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Minħabba n-natura urġenti tal-proposta, ma saret l-ebda valutazzjoni tal-impatt.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Mhux rilevanti

- **Drittijiet fundamentali**

Mhux rilevanti

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Ir-Regolament propost se jipprovdi appoġġ finanzjarju mid-dħul assenjat estern mis-self tal-Unjoni awtorizzat skont l-Artikolu 3b tad-[DRP] għal appoġġ li ma jitħallasx lura, appoġġ li jitħallas lura permezz ta' strumenti finanzjarji u għal proviżjonament għall-garanziji baġitarji u n-nefqa relatata. Għal din il-fini huwa meħtieġ li jkunu previsti l-approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament biex ikunu koperti l-ammonti dovuti għas-self (pagamenti ta' ċedoli u tifdijiet mal-maturità). L-ebda ripagamenti mill-baġit tal-UE ma huma previsti qabel l-2028. L-approprjazzjoni meħtieġa biex tkopri pagamenti ta' kupuni potenzjali għall-perjodu 2021-2027 hija kompatibbli mal-proposta tal-Kummissjoni għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali, u partikolarment mal-Intestatura 2 Koeżjoni u Valuri (eskluż "Koeżjoni Ekonomika, Soċjali u Territorjali"). L-Oqfsa Finanzjarji Pluriennali futuri se jkollhom jipprovdu l-approprjazzjonijiet meħtieġa biex ikopru l-pagamenti ta' kupuni u t-tifdijiet mal-maturità.

Is-self se jitħallas lura mill-Istati Membri benefiċjarji u l-Unjoni se jkollha biss obbligazzjoni kontinġenti kompatibbli mal-limitu massimu speċifiku tar-riżorsi proprji.

Fid-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva huwa pprovdut ippjanar indikattiv tad-dħul mistenni kif ukoll tan-nefqa relatata.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Huwa meħtieġ li jkun hemm trasparenza massima u monitoraġġ kif suppost tal-użu tar-riżorsi finanzjarji tal-UE. Se japplikaw obbligi ta' rapportar għall-Istati Membri u għall-Kummissjoni.

2020/0111 (NLE)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi Strument ta' Rkupru tal-Unjoni Ewropea insostenn tal-irkupru wara l-pandemija tal-COVID-19

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 122 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Sabiex irażżnu t-tixrid tal-marda tal-coronavirus ("COVID-19"), li fil-11 ta' Marzu 2020 kienet iddikjarata pandemija mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, l-Istati Membri adottaw sett ta' miżuri mingħajr preċedent.

(2) Dawn il-miżuri, meħuda b'rispons għas-sitwazzjoni eċċezzjonali, li mhijiex fil-kontroll tal-Istati Membri, ikkawżaw disturbi sinifikanti tal-attivitajiet ekonomiċi li kienu riflessi fi tnaqqis qawwi fil-prodott domestiku gross u impatt sinifikanti fuq l-impjiegi, il-kundizzjonijiet soċjali, il-faqar u l-inugwaljanzi. B'mod partikolari, dawk il-miżuri fixklu l-ktajjen ta' provvista u l-produzzjoni u kkawżaw assenzi mix-xogħol. Barra minn hekk, il-provvista ta' ħafna servizzi saret impossibbli jew diffiċli ħafna. Fl-istess ħin, id-domanda tal-konsumaturi naqset. Ħafna negozji qed jesperjenzaw nuqqas ta' likwidità, u s-solvenza tagħhom hija f'riskju, filwaqt li s-swieq finanzjarji huma volatili ħafna. Setturi ewlenin bħall-ivvjaġġar u t-turiżmu huma partikolarment milquta b'mod qawwi. B'mod aktar ġenerali, dawk il-miżuri diġà wasslu jew se jwasslu għal deterjorament serju tas-sitwazzjoni finanzjarja ta' ħafna negozji fl-Unjoni.

(3) Il-kriżi nfirxet malajr fit-territorju tal-Unjoni u f'pajjiżi terzi. Għall-2020 hija prevista kontrazzjoni qawwija tat-tkabbir fl-Unjoni. Hemm ir-riskju li l-irkupru jvarja ħafna fl-Istati Membri differenti, u b'hekk tiżdied id-diverġenza bejn l-ekonomiji nazzjonali. L-abbiltà fiskali differenti tal-Istati Membri li jipprovdu appoġġ finanzjarju fejn ikun meħtieġ l-iktar għall-irkupru u d-diverġenza tal-miżuri nazzjonali tipperikola s-suq uniku kif ukoll il-koeżjoni soċjali u territorjali.

(4) Hija meħtieġa ġabra komprensiva ta' miżuri għall-irkupru ekonomiku, li tirrikjedi ammonti sostanzjali ta' investiment pubbliku u privat biex l-Unjoni ssegwi b'mod sod il-perkors lejn irkupru sostenibbli u reżiljenti, bil-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità għolja, bl-appoġġ għall-inklużjoni soċjali u bit-tiswija tal-ħsara immedjata kkawżata mill-pandemija tal-COVID-19 filwaqt li jiġu appoġġati l-prijoritajiet ekoloġiċi u diġitali tal-Unjoni.

(5) Din is-sitwazzjoni eċċezzjonali, li mhijiex fil-kontroll tal-Istati Membri, titlob approċċ koerenti u unifikat fil-livell tal-Unjoni. Għall-prevenzjoni tad-deterjorament ulterjuri tal-ekonomija, tal-impjiegi u tal-koeżjoni soċjali u biex tingħata spinta għal irkupru sostenibbli u reżiljenti tal-attività ekonomika, jenħtieġ li jiġi stabbilit programm

eċċezzjonali u kkoordinat ta' appoġġ ekonomiku u soċjali, fl-ispirtu ta' solidarjetà bejn l-Istati Membri, speċjalment għal dawk li ntlaqtu b'mod partikolarment qawwi.

(6) Billi l-Istrument huwa rispons eċċezzjonali għal dawn iċ-ċirkostanzi temporanji iżda estremi, jenħtieġ li l-appoġġ fil-qafas tal-Istrument ikun magħmul disponibbli biss biex jiġu indirizzati l-konsegwenzi tal-pandemija tal-COVID-19 jew il-bżonnijiet ta' finanzjament immedjat biex jiġi evitat li l-pandemija tal-COVID-19 tfeġġ mill-ġdid.

(7) Jenħtieġ li dan l-Istrument jiffoka partikolarment fuq il-miżuri biex jiġu restawrati s-swieq tax-xogħol, il-protezzjoni soċjali u s-sistemi tal-kura tas-saħħa, miżuri li jagħtu spinta ġdida lit-tkabbir sostenibbli u lill-impjiegi biex tissaħħaħ il-koeżjoni fost l-Istati Membri u tkun appoġġata t-tranżizzjoni tagħhom lejn ekonomija ekoloġika u diġitali, jingħata appoġġ lin-negozji affettwati mill-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 partikolarment l-intrapriżi żgħar u medji u negozji ekonomikament vijabbli li qed jiffaċċjaw problemi ta' solvenza, miżuri biex tissaħħaħ l-awtonomija strateġika tal-Unjoni fi ktajjen vitali tal-provvista, appoġġ għar-riċerka u l-innovazzjoni b'rispons għall-pandemija tal-COVID-19, bini tal-kapaċitajiet fil-livell tal-Unjoni biex tittejjeb it-tħejjija futura għall-kriżijiet, appoġġ għall-isforzi tat-territorji lejn tranżizzjoni ġusta, u appoġġ għaż-żoni rurali biex jindirizzaw l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19. Ir-relazzjonijiet kummerċjali u ekonomiċi mal-pajjiżi ġirien u dawk li qed jiżviluppaw, partikolari fil-Balkani tal-Punent, pajjiżi koperti mill-Politika Ewropea tal-Viċinat u l-pajjiżi fl-Afrika, huma importanti ħafna għall-ekonomija fl-Unjoni. Minħabba f'hekk, u f'konformità mar-rwol globali u mar-responsabbiltà tal-Unjoni, jenħtieġ li jintużaw riżorsi finanzjarji biex jingħataw appoġġ u għajnuna umanitarja għall-isforzi ta' dawk il-pajjiżi fil-ġlieda tagħhom kontra l-pandemija tal-COVID-19, biex jirkupraw minnha u jiġu rrestawrati u msaħħa r-relazzjonijiet kummerċjali u ekonomiċi bejnhom u l-Unjoni.

(8) Sabiex ikun żgurat irkupru sostenibbli u reżiljenti fl-Unjoni kollha u biex tiġi faċilitata l-implimentazzjoni tal-appoġġ ekonomiku, jenħtieġ li jintużaw il-mekkaniżmi stabbiliti tal-infiq permezz tal-programmi tal-Unjoni skont l-oqfsa finanzjarji pluriennali rilevanti. L-appoġġ fil-qafas ta' dawn il-programmi huwa pprovdut fil-forma ta' appoġġ li ma jitħallasx lura, self, u l-proviżjonament għall-garanziji baġitarji. Jenħtieġ li l-allokazzjoni tar-riżorsi finanzjarji tkun tirrifletti l-punt sa fejn dawk il-programmi huma kapaċi jikkontribwixxu għall-objettivi tal-Istrument.

(9) Fid-dawl tan-natura tal-miżuri li għandhom jiġu ffinanzjati, jenħtieġ li parti mill-ammonti disponibbli għal dan l-Istrument jintużaw biex jingħata self lill-Istati Membri, filwaqt li l-parti l-oħra tar-riżorsi jenħtieġ li tikkostitwixxi fi dħul assenjat estern fis-sens tal-Artikolu 21(5) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[2], u jenħtieġ li tintuża għal appoġġ li ma jitħallasx lura, strumenti finanzjarji jew il-proviżjonament għall-garanziji baġitarji u nefqa relatata mill-Unjoni. Filwaqt li l-Artikolu 12(4)(c) u l-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 japplikaw għall-approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament magħmula disponibbli b'rabta mad-dħul assenjat estern skont dan ir-Regolament, fid-dawl tal-limiti ta' żmien stabbiliti għat-tipi differenti ta' appoġġ, l-approprjazzjonijiet ta' impenn li jirriżultaw minn tali dħul assenjat estern jenħtieġ li

[2] Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

ma jiġux awtomatikament ittrasferiti lil hinn mid-dati finali rispettivi, ħlief għal approprjazzjonijiet ta' impenn meħtieġa għall-assistenza teknika u amministrattiva għall-implimentazzjoni tal-miżuri fil-qafas ta' dan ir-Regolament.

(10) Jenħtieġ li l-approprjazzjonijiet ta' impenn għall-appoġġ li ma jitħallasx lura jkunu magħmula disponibbli awtomatikament sal-ammont awtorizzat. Jenħtieġ li l-likwidità tiġi ġestita b'mod effettiv, biex il-fondi jingabru biss meta l-impenji legali jeħtieġ li jiġu onorati permezz ta' approprjazzjonijiet ta' pagament korrispondenti.

(11) Minħabba l-importanza li l-ammonti jintużaw fl-ewwel snin tal-Istrument, ikun xieraq li fl-implimentazzjoni jiġi rieżaminat il-progress. Jenħtieġ li sal-31 ta' Marzu 2023 il-Kummissjoni tħejji rapport f'dan ir-rigward.

(12) L-Artikolu 135(2) tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika[3] jipprevedi li l-emendi tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/335/UE, Euratom[4] li jiġu adottati fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim jew warajha ma għandhomx ikunu japplikaw għar-Renju Unit sa fejn dawk l-emendi jkollhom impatt fuq l-obbligi finanzjarji tar-Renju Unit. L-appoġġ fil-qafas ta' dan ir-Regolament u ż-żieda korrispondenti tal-limitu massimu tar-riżorsi proprji tal-Unjoni jkollu impatt fuq l-obbligu finanzjarju tar-Renju Unit. L-Artikolu 143(1) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ jillimita r-responsabbiltà tar-Renju Unit rigward il-parti tiegħu ta' obbligazzjonijiet kontinġenti tal-Unjoni għal dawk l-obbligazzjonijiet kontinġenti li jirriżultaw mill-operazzjonijiet finanzjarji deċiżi mill-Unjoni qabel id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim dwar il-Ħruġ. Kull obbligazzjoni kontinġenti tal-Unjoni fil-qafas ta' dan ir-Regolament hija sussegwenti għad-data tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni. Għaldaqstant, jenħtieġ li dan ir-Regolament ma japplikax għar-Renju Unit.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1
Strument ta' Rkupru tal-Unjoni Ewropea

L-Istrument ta' Rkupru tal-Unjoni Ewropea ("l-Istrument") huwa b'dan stabbilit insostenn tal-irkupru wara l-pandemija tal-COVID-19.

Artikolu 2
Ambitu tal-Istrument

(1) L-Istrument għandu jappoġġa l-irkupru fl-Unjoni wara l-pandemija tal-COVID-19 u għandu b'mod partikolari jiffinanzja l-miżuri li ġejjin biex jiġu indirizzati l-konsegwenzi ekonomiċi avversi tal-pandemija:

(a) miżuri għar-restawr tal-impjiegi, għall-ħolqien tal-impjiegi u għar-restawr tas-sistemi tal-kura tas-saħħa;

(b) riformi u investimenti li jagħtu spinta ġdida lill-potenzjal tat-tkabbir, isaħħu l-koeżjoni fost l-Istati Membri u jżidu r-reżiljenza tagħhom;

[3] ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7.

[4] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/335/UE, Euratom tas-26 ta' Mejju 2014 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 168, 7.6.2014, p. 105).

(c) miżuri ta' sostenn għan-negozji milquta mill-impatt ekonomiku tal-pandemija, partikolarment miżuri li jibbenefikaw lill-intrapriżi żgħar u medji, inkluż investiment finanzjarju dirett f'dawk l-intrapriżi;

(d) miżuri ta' sostenn għan-negozji ekonomikament vijabbli li raw is-solvenza tagħhom ristretta minħabba l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19, inkluż investiment finanzjarju dirett f'dawk in-negozji;

(e) miżuri li jsaħħu l-awtonomija strateġika tal-Unjoni fi ktajjen vitali tal-provvista, inkluż investiment finanzjarju dirett fin-negozji;

(f) miżuri ta' sostenn għar-riċerka u l-innovazzjoni b'rispons għall-pandemija tal-COVID-19;

(g) miżuri ta' sostenn biex jiżdied il-livell ta' tħejjija għall-kriżijiet tal-Unjoni u biex ikun possibbli rispons rapidu u effettiv tal-Unjoni f'każ ta' emerġenzi kbar; dan jinkludi t-titjib tar-reżiljenza strateġika tas-sistemi tal-kura tas-saħħa tal-Unjoni biex ikun possibbli rispons rapidu u effettiv fil-livell tal-Unjoni f'każ ta' kriżi tas-saħħa transfruntiera ġdida; il-miżuri jinkludu l-kumulazzjoni ta' riżerva ta' provvisti essenzjali u ta' tagħmir mediku u l-akkwist tal-infrastrutturi meħtieġa għaż-żamma ta' livelli xierqa ta' prodotti mediċi u mediċini rilevanti għall-kriżijiet;

(h) miżuri ta' sostenn biex jiġi żgurat li t-tranżizzjoni ġusta lejn ekonomija newtrali għall-klima ma tiġix imminata mill-pandemija tal-COVID-19;

(i) miżuri ta' sostenn li jindirizzaw l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 fuq l-agrikoltura u l-iżvilupp rurali.

L-Istrument għandu jipprovdi wkoll appoġġ għall-kriżi lill-pajjiżi sħab biex jiġu restawrati u mtejba r-relazzjonijiet kummerċjali u ekonomiċi tagħhom mal-Unjoni u tissaħħaħ ir-reżiljenza tagħhom.

(2) Il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jitwettqu fil-qafas tal-programmi speċifiċi tal-Unjoni u f'konformità mal-atti rilevanti tal-Unjoni li jistabbilixxu r-regoli ta' dawk il-programmi. Dawk il-miżuri għandhom jinkludu assistenza teknika u amministrattiva għall-implimentazzjoni tagħhom.

Artikolu 3
Finanzjament tal-Istrument u allokazzjoni tal-fondi

(1) L-Istrument għandu jiġi ffinanzjat sa ammont ta' EUR 750 000 000 000 fi prezzijiet tal-2018 fuq il-bażi tal-awtonomizzazzjoni fl-Artikolu 3b tal-[ORD].

(2) L-ammont imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jiġi allokat kif ġej:

(a) appoġġ sa EUR 433 200 000 000 fi prezzijiet tal-2018 fil-forma ta' appoġġ li ma jitħallasx lura u appoġġ li jitħallas lura permezz ta' strumenti finanzjarji, allokat kif ġej:

(i) sa EUR 50 000 000 000 fi prezzijiet tal-2018 għal programmi strutturali u ta' koeżjoni tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2014–2020 kif imsaħħaħ sal-2022, inkluż appoġġ għall-istrumenti finanzjarji;

(ii) sa EUR 310 000 000 000 fi prezzijiet tal-2018 għal programm li jiffinanzja l-irkupru u r-reżiljenza ekonomika u soċjali permezz tal-appoġġ għar-riformi u għall-investimenti;

(iii) sa EUR 7 700 000 000 fi prezzijiet tal-2018 għal programm relatat mas-saħħa;

(iv) sa EUR 2 000 000 000 fi prezzijiet tal-2018 għal programmi relatati mal-protezzjoni ċivili;

(v) sa EUR 13 500 000 000 fi prezzijiet tal-2018 għal programmi relatati mar-riċerka u l-innovazzjoni, inkluż appoġġ għal strumenti finanzjarji;

(vi) sa EUR 30 000 000 000 fi prezzijiet tal-2018 għal programmi li jappoġġaw lit-territorji fit-tranżizzjoni tagħhom lejn ekonomija newtrali għall-klima;

(vii) sa EUR 15 000 000 000 fi prezzijiet tal-2018 għall-iżvilupp f'żoni rurali;

(viii) sa EUR 5 000 000 000 fi prezzijiet tal-2018 għall-għoti ta' għajnuna umanitarja barra l-Unjoni;

(b) self lill-Istati Membri sa EUR 250 000 000 000 fi prezzijiet tal-2018 għal programm li jiffinanzja l-irkupru u r-reżiljenza ekonomika u soċjali permezz tal-appoġġ għar-riformi u għall-investimenti.

(c) sa EUR 66 800 000 000 fi prezzijiet tal-2018 għal proviżjonament għall-garanziji u għal nefqa relatata għall-programmi li ġejjin:

(i) sa EUR 30 300 000 000 fi prezzijiet tal-2018 għal programmi li jimmiraw lejn operazzjonijiet [strateġiċi] li jsostnu l-investiment fil-qasam tal-politiki interni tal-Unjoni;

(ii) sa EUR 26 000 000 000 fi prezzijiet tal-2018 għal programmi li għandhom l-għan li jsaħħu s-solvenza tan-negozji ekonomikament vijabbli fl-Unjoni;

(iii) sa EUR 10 500 000 000 fi prezzijiet tal-2018 għal programmi li għandhom l-għan li jrawmu tkabbir ekonomiku sostenibbli u inklużiv barra mill-Unjoni.

Artikolu 4
Regoli għall-implimentazzjoni tal-baġit

(1) Għall-finijiet tal-Artikolu 21(5) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, EUR 433 200 000 000 fi prezzijiet tal-2018 tal-fondi msemmija fl-Artikolu 3(1) għandhom jikkostitwixxu fi dħul assenjat estern għall-programmi tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 3(2) ta' dan ir-Regolament u EUR 66 800 000 000fi prezzijiet tal-2018 ta' dawn il-fondi għandhom jikkostitwixxu fi dħul assenjat estern għall-programmi tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 3(2)(c) ta' dan ir-Regolament.

(2) EUR 250 000 000 000 fi prezzijiet tal-2018 tal-fondi msemmija fl-Artikolu 3(1) għandhom jintużaw għal self lill-Istati Membri fil-qafas tal-programmi msemmija fl-Artikolu 3(2)(b) ta' dan ir-Regolament.

(3) L-approprjazzjonijiet ta' impenn li jkopru l-appoġġ imsemmi fil-punt (a) u (c) tal-Artikolu 3(2) għandhom ikunu magħmula disponibbli awtomatikament sal-ammonti msemmija fl-Artikolu 3(2)(a) u fl-Artikolu 3(2)(c) mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-[DRP] li tipprovdi l-awtonomizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 3(1).

(4) L-impenji legali li jwasslu għan-nefqa għall-appoġġ skont l-Artikolu 3(2)(a), u fejn xieraq fil-punt (i) tal-Artikolu 3(2)(c), għandhom jittieħdu mill-Kummissjoni jew mill-

aġenziji eżekuttivi tagħha sal-31 ta' Diċembru 2024. L-impenji legali b'ammont ta' mill-inqas 60 fil-mija tal-ammont imsemmi fl-Artikolu 3(2)(a) għandhom jittieħdu sal-31 ta' Diċembru 2022.

(5) Id-deċiżjonijiet dwar l-għoti ta' self imsemmija fl-Artikolu 3(2)(b) għandhom jiġu adottati sal-31 ta' Diċembru 2024.

(6) Il-garanziji baġitarji tal-Unjoni sa ammont li, f'konformità mar-rata ta' proviżjonament stabbilita fl-atti bażiċi rispettivi, jikkorrispondi mal-proviżjonament għall-garanziji baġitarji msemmija fl-Artikolu 3(2)(c), skont il-profili tar-riskju tal-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment appoġġati, għandhom jingħataw biss għall-appoġġ ta' dawk l-operazzjonijiet approvati mill-kontropartijiet sal-31 ta' Diċembru 2024. Il-ftehimiet ta' garanzija rispettivi għandhom jipprevedu dispożizzjonijiet li jiżguraw li l-operazzjonijiet ta' finanzjament li jikkorrispondu għal mill-inqas 60 fil-mija tal-ammont ta' dawk il-garanziji baġitarji jiġu approvati mill-kontropartijiet sal-31 ta' Diċembru 2022. Fejn jintuża l-proviżjonament għal appoġġ li ma jitħallasx lura b'rabta mal-operazzjonijiet finanzjarji u tal-investiment skont l-Artikolu 3(2)(c)(i), l-impenji legali relatati għandhom jittieħdu mill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2024.

(7) Id-deċiżjonijiet dwar l-għoti tas-self għal assistenza makrofinanzjarja msemmija fil-punt (iv) tal-Artikolu 3(2)(c) għandhom jiġu adottati sal-31 ta' Diċembru 2024.

(8) Il-paragrafi minn 4 sa 7 ma għandhomx japplikaw għall-miżuri msemmija fit-tieni sentenza tal-Artikolu 2(2).

(9) L-ispejjeż mill-assistenza teknika u amministrattiva għall-implimentazzjoni tal-Istrument, bħal attivitajiet preparatorji, ta' monitoraġġ, ta' kontroll, ta' awditu u ta' evalwazzjoni, inklużi s-sistemi korporattivi tat-teknoloġija tal-informazzjoni ta' dan ir-Regolament, għandhom jiġu ffinanzjati mill-baġit tal-Unjoni.

Artikolu 5
Rappurtar

Sal-31 ta' Marzu 2023, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Kunsill dwar il-progress miksub fl-implimentazzjoni tal-Istrument u l-użu tal-fondi allokati skont l-Artikolu 3(2).

Artikolu 6
Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament ma għandux japplika għar-Renju Unit u fih. Ir-referenzi għall-Istati Membri f'dan ir-Regolament għandhom jinftiehmu li ma jinkludux lir-Renju Unit.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA / TAL-INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta / tal-inizjattiva

1.2. Qasam/oqsma ta' politika kkonċernat(i) fl-istruttura ABM/ABB

1.3. Natura tal-proposta / tal-inizjattiva

1.4. Objettiv(i)

1.5. Raġunijiet għall-proposta / għall-inizjattiva

1.6. It-tul ta' żmien u l-impatt finanzjarju

1.7. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

2.2. Sistema ta' ġestjoni u kontroll

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA / TAL-INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.2. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali

3.2.3. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali

3.2.5. Kontribuzzjonijiet minn terzi

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA / TAL-INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta / tal-inizjattiva

Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi Strument ta' Rkupru tal-Unjoni Ewropea li jappoġġa l-irkupru ekonomiku wara l-pandemija tal-COVID-19

1.2. Qasam/oqsma ta' politika kkonċernat(i) fl-istruttura ABM/ABB[5]

Affarijiet ekonomiċi u finanzjarji (Titolu 01 tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea, Taqsima 3 il-Kummissjoni)

1.3. Natura tal-proposta / tal-inizjattiva

X Il-proposta / l-inizjattiva tirrigwarda **azzjoni ġdida**

☐ Il-proposta / l-inizjattiva hija dwar **azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota / azzjoni preparatorja**[6]

☐ Il-proposta / l-inizjattiva hija dwar **l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

☐ Il-proposta / l-inizjattiva hija dwar **azzjoni diretta mill-ġdid lejn azzjoni ġdida**

1.4. Objettiv(i)

1.4.1. L-għan(ijiet) strateġiku/ċi pluriennali tal-Kummissjoni fil-mira tal-proposta / tal-inizjattiva

Il-pandemija tal-COVID-19 tikkostitwixxi kriżi mifruxa u serja tas-saħħa pubblika. Hija taffettwa b'mod gravi liċ-ċittadini, lis-soċjetajiet u lill-ekonomiji madwar id-dinja. Il-firxa tal-kriżi tas-saħħa u r-risponsi ta' politika li kien hemm għall-kontroll tagħha huma bla preċedent. Għaldaqstant, l-intensità tal-impatt soċjoekonomiku tagħha hija straordinarjament inċerta. Diġà f'dan l-istadju, huwa ċert li hija tippreżenta sfidi kbar u mingħajr preċedent għas-sistemi finanzjarji u ekonomiċi tal-Istati Membri. Skont it-tbassir ekonomiku tar-rebbiegħa tal-Kummissjoni[7], il-PDG tal-UE huwa mbassar li jonqos b'madwar 7,5 % din is-sena - ferm aktar milli matul il-kriżi finanzjarja globali fl-2009 - u li jirkupra b' 6 % biss fl-2021, filwaqt li r-rata tal-qgħad tal-UE mistennija tiżdied għal 9 % fl-2020, bir-riskju li jiżdiedu l-faqar u l-inugwaljanza.

B'reazzjoni, l-Istati Membri adottaw miżuri ekonomiċi u finanzjarji diskrezzjonali eċċezzjonali. Flimkien mal-effett tal-hekk imsejħa "stabbilizzaturi awtomatiċi", jiġifieri pagamenti previsti taħt sistemi tal-assigurazzjoni tal-qgħad u tas-sigurtà soċjali flimkien ma' telf fid-dħul mit-taxxa, dawn il-miżuri għandhom impatt konsiderevoli fuq il-finanzi pubbliċi tagħhom bid-defiċit aggregat tal-amministrazzjoni pubblika jiżdied minn 0,6 % tal-PDG fl-2019 għal 8,5 % tal-PDG kemm fiż-Żona tal-Euro kif ukoll fl-UE din is-sena.

---

5 Għandu jiġi determinat fil-proċeduri baġitarji tal-2020 u l-2021. ABM: ġestjoni bbażata fuq l-attività; ABB: ibbaġitjar ibbażat fuq l-attività.

6 Kif imsemmi fl-Artikolu 54(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

7 Tbassir Ekonomiku Ewropew, Dokument Istituzzjonali 125. Mejju 2020.

Il-kriżi tista' tirriżulta fi ħsara dejjiema għat-tessut ekonomiku tal-Unjoni sakemm ma jkunx hemm reazzjoni ta' politika proporzjonata għaliha fi żmien qasir u medju fil-livell tal-Unjoni.

Pjan komprensiv għall-irkupru Ewropew se jkun jeħtieġ investiment pubbliku u privat massiv fil-livell Ewropew li jistabbilixxi b'mod sod l-Unjoni fit-triq lejn irkupru sostenibbli u reżiljenti, li joħloq impjiegi ta' kwalità għolja u li jsewwi l-ħsara immedjata kkawżata mill-pandemija tal-COVID-19 filwaqt li jappoġġa l-prijoritajiet ekoloġiċi u diġitali tal-Unjoni. Il-baġit fit-tul tal-UE, kif irrinforzat, se jkun l-għodda ewlenija.

1.4.2. Għan(ijiet) speċifiku/ċi u l-attività/ajiet ABM/ABB ikkonċernat(i)

L-att propost jiddetermina l-allokazzjoni tar-rikavat mis-self tal-Unjoni, kif awtorizzat skont id-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji, għall-programmi ta' politika f'konformità mal-istrateġija stabbilita fil-Pjan ta' Rkupru tal-Unjoni Ewropea.

EUR 500 biljun fi prezzijiet tal-2018 se jintefqu għal appoġġ li ma jitħallasx lura, appoġġ li jitħallas lura permezz ta' strumenti finanzjarji jew għal proviżjonament għall-garanziji baġitarji u nefqa relatata.

EUR 250 biljun fi prezzijiet tal-2018 se jintużaw biex jiġi pprovdut self lill-Istati Membri. L-Unjoni se jkollha responsabbiltà kontinġenti fil-forma ta' garanzija għal dak is-self sakemm jitħallas lura.

Speċifika l-effetti li l-proposta / l-inizjattiva jenħtieġ li jkollha fuq il-benefiċjarji / il-gruppi fil-mira.

L-att propost għandu jattribwixxi l-finanzjament għal miżuri u azzjonijiet biex jiġu indirizzati l-konsegwenzi ekonomiċi negattivi tal-COVID-19 u jiġi appoġġat l-irkupru ekonomiku b'mod partikolari fl-oqsma li ġejjin:

- L-għoti ta' appoġġ fil-forma ta' għotjiet u self biex jiġu implimentati pjanijiet ta' rkupru u ta' reżiljenza tal-Istati Membri skont il-Faċilità ta' Rkupru u ta' Reżiljenza;
- L-għoti ta' appoġġ ġdid ta' investiment fil-qafas tal-garanziji baġitarji eżistenti u proposti (FEIS/InvestEU), fost l-oħrajn għal (1) kumpaniji milquta mill-kriżi iżda vijabbli biex joħorġu mill-kriżi, b'mod partikolari biex titħaffef it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali; (2) appoġġ immirat għal proġetti ta' interess strateġiku Ewropew għal ktajjen ta' provvista tas-suq intern biex tiġi żviluppata l-awtonomija strateġika tal-UE f'setturi u kapaċitajiet ewlenin;
- Appoġġ imsaħħaħ għar-reġjuni u s-setturi milquta mill-kriżi permezz ta' miżuri tal-politika ta' koeżjoni msaħħa;
- L-appoġġ għar-riċerka u l-innovazzjoni b'rispons għall-pandemija tal-COVID-19;
- It-tisħiħ tal-livell ta' tħejjija għall-kriżijiet u t-titjib tar-reżiljenza strateġika tas-sistemi tal-kura tas-saħħa tal-Unjoni;
- Il-mitigazzjoni tal-impatt tal-pandemija COVID-19 fuq it-tranżizzjoni ġusta lejn ekonomija ekoloġika fit-territorji;
- Appoġġ għal miżuri li jindirizzaw l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 fuq l-iżvilupp rurali;

- Appoġġ lil pajjiżi sħab, b'mod partikolari fil-Balkani tal-Punent, fil-Viċinat u fl-Afrika, fl-isforzi tagħhom biex jiġġieldu u jirkupraw mill-impatt tal-pandemija u biex isaħħu r-reżiljenza tagħhom.

1.4.3. Indikaturi tar-riżultati u tal-impatt

Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-proposta / tal-inizjattiva.

Il-veloċità li biha l-fondi jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-istrumenti finanzjarji benefiċjarji. Ta' min jinnota li l-Istrument ta' Rkupru huwa inizjattiva temporanja u huma previsti limiti ta' żmien għall-impenn tal-approprjazzjonijiet.

Iffrankar għal kull Stat Membru permezz ta' rikors għal self back-to-back tal-UE meta mqabbel mal-awtofinanzjament fis-swieq internazzjonali.

1.5. Raġunijiet għall-proposta / għall-inizjattiva

1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fi żmien qasir jew twil

Il-proposta attwali għal Regolament tal-Kunsill għandha l-għan li tikkumplimenta l-istrumenti eżistenti tal-Unjoni u l-bażi legali, u tipprovdi mekkaniżmu biex jiġi attribwit appoġġ għall-oqsma ta' politika differenti.

Id-dispożizzjonijiet operazzjonali li jirregolaw l-implimentazzjoni ta' dan l-appoġġ jinsabu fl-atti leġiżlattivi li jiddefinixxu l-istrumenti ta' politika tal-UE benefiċjarji, li għandhom l-għan li jipprovdu appoġġ immedjat u b'saħħtu għall-irkupru ekonomiku u r-reżiljenza.

1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-UE

L-Istrument ta' Rkupru propost tal-UE huwa bbażat fuq l-Artikolu 122 TFUE. Dan l-artikolu jipprevedi l-possibbiltà ta' miżuri, deċiżi fi spirtu ta' solidarjetà bejn l-Istati Membri, xierqa għas-sitwazzjoni ekonomika.

Bħalissa, l-Istati Membri qed jiffaċċaw tfixkil ekonomiku gravi kkawżat mit-tifqigħa tal-virus COVID-19 li għandha impatti soċjoekonomiċi negattivi qawwija fl-Istati Membri.

Il-proposta talloka l-appoġġ finanzjarju, magħmul possibbli permezz tal-għoti ta' setgħa temporanju u eċċezzjonali li jinsab fid-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji, għall-interventi ta' politika relatati mal-kriżi fi spirtu ta' solidarjetà Ewropea mal-Istati Membri affettwati. Meta wieħed iqis il-firxa tal-kriżi u tal-effetti finanzjarji u ekonomiċi tagħha, azzjoni miftiehma fil-livell tal-UE hija aktar xierqa biex tiżgura li jiġu mobilizzati riżorsi suffiċjenti biex jiġġeneraw interventi effettivi u jtaffu l-impatt soċjali u ekonomiku dirett ikkawżat mill-kriżi tal-COVID-19.

L-implimentazzjoni tal-Istrument ta' Rkupru tal-Unjoni Ewropea hija msejsa fuq il-prinċipju tas-sussidjarjetà. Minħabba d-dimensjoni globali tal-pandemija tal-COVID-19 u l-ambitu tal-effetti ekonomiċi u finanzjarji tagħha, l-Unjoni hija f'pożizzjoni aħjar mill-Istati Membri waħedhom biex tindirizza l-kriżi permezz ta' politiki tal-UE mmirati, magħmula possibbli minn riżorsi fuq skala kbira li saru possibbli permezz tal-għoti ta' setgħa eċċezzjonali biex jiġu missellfa flus biex jissupplimentaw il-baġit tal-Unjoni, li jinsab fid-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji.

L-assenjazzjoni tad-dħul addizzjonali assenjat esternament permezz tal-att propost se tiżgura li l-implimentazzjoni tar-rispons previst mill-Unjoni ma tkunx imminata minn differenzi fil-kapaċità tal-Istati Membri sabiex jimmobilizzaw il-finanzjament individwalment.

Hija biss azzjoni miftiehma motivata minn spirtu ta' solidarjetà bejn l-Istati Membri fi żmien ta' kriżi li tista' tiżgura li l-mezzi finanzjarji rilevanti jintużaw b'mod effettiv biex jiġġeneraw interventi effettivi mill-Unjoni fl-aktar oqsma jew setturi affettwati.

1.5.3. Tagħlimiet miksuba minn esperjenzi simili fl-imgħoddi

Meta l-Unjoni kienet iffaċċjata bi kriżi finanzjarja gravi 10 snin ilu, il-bażi legali tal-Artikolu 122 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) ippermettiet lill-Unjoni tipprovdi assistenza finanzjarja mill-Unjoni lill-Istati Membri ffaċċjati b'diffikultajiet ikkawżati minn avveniment eċċezzjonali lil hinn mill-kontroll tagħhom. L-Unjoni adottat fuq il-bażi tal-Artikolu 122(2) tar-Regolament (UE) Nru 407/2010 tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2010 li jistabbilixxi Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbilizzazzjoni Finanzjarja (European Financial Stabilisation Mechanism, EFSM). Dan l-istrument ipprovda assistenza finanzjarja mill-Unjoni lill-Portugall u lill-Irlanda u finanzjament tranżitorju lill-Greċja permezz ta' self back-to-back.

Il-bażi legali tal-Artikolu 122 TFUE ntużat bħala l-bażi legali għall-proposta reċenti tal-Kummissjoni biex il-mekkaniżmu SURE jappoġġa skemi ta' assigurazzjoni temporanja kontra l-qgħad fl-Istati Membri. Din il-bażi legali titqies xierqa għal okkorrenza eċċezzjonali li tmur lil hinn mill-kontroll tal-Istati Membri li titlob li jkun hemm rispons kollettiv tal-Unjoni fi spirtu ta' solidarjetà, u għalhekk tista' tintuża wkoll f'dan l-avveniment partikolari ta' kriżi tat-tifqigħa tal-virus COVID-19.

1.5.4. Kompatibbiltà u sinerġija possibbli ma' strumenti xierqa oħra

L-Istrument ta' Rkupru tal-Unjoni Ewropea propost jassenja l-mezzi finanzjarji addizzjonali meħtieġa għall-Pjan ta' Rkupru tal-Unjoni Ewropea għall-istrumenti ta' politika li se jindirizzaw il-konsegwenzi soċjali u ekonomiċi profondi tal-kriżi. Il-pjan ta' Rkupru nnifsu jestendi u jsawwar b'mod profond ir-rispons tal-politika tal-Unjoni għall-kriżi. Inizjattivi preċedenti meħuda b'reazzjoni għall-kriżi jinkludu l-istrument Ewropew għal appoġġ temporanju biex jittaffew ir-riskji ta' qgħad f'emerġenza (SURE) wara t-tifqigħa tal-virus COVID-19 (strument SURE), l-"Inizjattiva ta' Investiment fir-Rispons għall-Coronavirus", il-proposta għat-tkabbir tal-ambitu tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea, l-attivazzjoni mill-ġdid tal-istrument għall-Appoġġ ta' Emerġenza u strumenti oħra b'appoġġ għall-impjiegi bħall-Fond Soċjali Ewropew u l-InvestEU.

L-Istrument ta' Rkupru huwa element essenzjali f'politika aktar b'saħħitha u b'firxa wiesgħa biex tiġi kkumpensata l-kriżi u jiġi appoġġat il-proċess ta' rkupru u ta' tiswija ekonomika. L-istrument ta' Rkupru jidderieġi l-appoġġ lejn strumenti ta' koeżjoni, il-Faċilità ta' Riforma u ta' Reżiljenza, u t-tkabbir ta' garanziji baġitarji tal-UE biex jiġu appoġġati n-negozji u l-investiment.

L-istrument ta' Rkupru se jkollu l-istess livell ta' trasparenza, responsabbiltà u kontroll permezz tal-awditjar bħall-baġit tradizzjonali.

Il-mezzi finanzjarji sinifikanti ħafna li jitqassmu taħt l-Istrument ta' Rkupru jirrikjedu tisħiħ qawwi tal-kapaċità interna tal-Kummissjoni sabiex tiġġestixxi u tamministra din ir-riżorsa. Se jkun meħtieġ li għadd ta' proċessi kummerċjali kritiċi jittejbu b'mod sostanzjali b'mod partikolari: kontabbiltà u rappurtar dwar id-distribuzzjoni u l-użu tal-mezzi kollha allokati għall-politiki differenti; l-amministrazzjoni u r-rikonċiljazzjoni tal-pagamenti u t-trasferimenti kollha lejn /

minn Stati Membri, u għall-politiki benefiċjarji; arranġament ta' self u żgurar li l-mezzi kollha jkunu disponibbli meta jkun meħtieġ u fuq l-aktar termini vantaġġużi; l-appoġġ neċessarju tal-informatika. Il-bini ta' din il-kapaċità fil-perjodi ta' żmien meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Rkupru se jkun indispensabbli biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Pjan ta' Rkupru.

1.6. Tul ta' żmien u impatt finanzjarju

X Proposta/ inizjattiva ta' **tul ta' żmien limitat**

– X Impatt finanzjarju mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament għat-tlestija tal-maturità tas-self, li jikkoinċidi ma' diversi Oqfsa Finanzjarji Pluriennali; l-ebda maturitajiet ma huma previsti qabel l-2028.

☐ Proposta / inizjattiva ta' **tul ta' żmien mhux limitat**

– Implimentazzjoni b'perjodu ta' tnedija minn SSSS sa SSSS,

– segwit minn tħaddim fuq skala sħiħa.

1.7. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)[8]

X Ġestjoni diretta mill-Kummissjoni

– X mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

– ☐ mill-aġenziji eżekuttivi

X **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

X **Ġestjoni indiretta** billi l-kompiti tal-implimentazzjoni baġitarja jiġu inkarigati lil:

– ☐ pajjiżi terzi jew il-korpi maħtura minnhom;

– ☐ organizzazzjonijiet internazzjonali u l-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);

– X il-BEI u l-Fond Ewropew tal-Investiment;

– ☐ korpi msemmija fl-Artikoli 208 u 209 tar-Regolament (UE, Euratom) 1046/2018;

– ☐ korpi tal-liġi pubblika;

– ☐ korpi rregolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku sa fejn jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ korpi rregolati mil-liġi privata ta' Stat Membru li huma inkarigati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.

– *Jekk jiġi indikat iżjed minn mod ta' ġestjoni wieħed, ipprovdi d-dettalji fit-Taqsima "Kummenti".*

[8] Id-dettalji tal-modi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament (UE, Euratom) 1046/2018 jinsabu fis-sit BudgWeb: http://www.cc.cec/budg/man/budgmanag/budgmanag_en.html

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.

Azzjonijiet li jirċievu assistenza finanzjarja skont din il-proposta għandhom jirrapportaw regolarment. Sal-31 ta' Marzu 2023, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Kunsill dwar il-progress miksub fl-implimentazzjoni tal-Istrument u l-użu tal-fondi allokati skont l-Artikolu 3(2).

2.1.1. Riskju/i identifikat(i)

Il-ġestjoni tar-riskji fl-amministrazzjoni tal-istrument teħtieġ investiment sinifikanti fl-iżvilupp tal-kapaċità amministrattiva finanzjarja tal-Kummissjoni. Dan l-investiment jispjega n-nefqa amministrattiva marbuta ma' din il-politika, permezz tar-reklutaġġ ta' persunal speċjalizzat inkluż minn amministrazzjonijiet nazzjonali. Ir-riżorsi miżjuda tal-persunal huma meħtieġa wkoll għal servizzi ta' appoġġ bħall-kontabilità, il-back-office u l-appoġġ tal-IT dedikat. L-Istrument ta' Rkupru jiddependi mill-ħruġ mill-Kummissjoni ta' volumi kbar ta' dejn fis-swieq kapitali internazzjonali skont l-għoti tas-setgħa mogħtija mid-DRP. Iż-żieda f'daqqa fil-ħruġ ta' dejn f'perjodu meta x'aktarx ikun hemm rikors estensiv għas-swieq tal-kapital minn sovrani u istituzzjonijiet oħrajn tagħti lok għar-riskju ta' deterjorament fit-termini u l-kundizzjonijiet disponibbli għall-Unjoni. Dan ir-riskju se jkun ġestit permezz tal-implimentazzjoni ta' strateġija ġdida għall-ġestjoni tad-dejn biex tgħin lill-Unjoni tikseb l-aħjar termini disponibbli, filwaqt li tissalvagwardja l-klassifikazzjoni tal-kreditu għolja ħafna tagħha.

2.1.2. Informazzjoni dwar is-sistema ta' kontroll intern li ġiet stabbilita

Is-sistema ta' kontroll intern eżistenti tal-Kummissjoni Ewropea tapplika biex tiżgura li l-fondi disponibbli skont l-Istrument ta' Rkupru tal-UE jintużaw b'mod xieraq u f'konformità ma' leġiżlazzjoni xierqa. Is-sistema attwali hija strutturata kif ġej: 1. It-timijiet tal-kontroll intern jiffukaw fuq il-konformità mal-proċeduri amministrattivi u l-leġiżlazzjoni fis-seħħ. Il-Qafas ta' Kontroll Intern tal-Kummissjoni jintuża għal dan il-għan. 2. L-awditjar regolari ta' għotjiet u kuntratti li se jingħataw fil-qafas ta' dan l-istrument, imwettaq minn awdituri esterni, se jkun totalment inkorporat fil-pjanijiet annwali tal-awditu. 3. Evalwazzjoni ta' attivitajiet ġenerali minn evalwaturi esterni. L-azzjonijiet imwettqa jistgħu jiġu awditjati mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) u mill-Qorti tal-Awdituri.

2.1.3. Stima tal-kostijiet u tal-benefiċċji tal-kontrolli u valutazzjoni tal-livell mistenni ta' riskju ta' errur

MHUX APPLIKABBLI

2.2. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u ta' protezzjoni eżistenti jew previsti.

Huwa meħtieġ li jkun hemm trasparenza massima u monitoraġġ kif suppost tal-użu tar-riżorsi finanzjarji tal-UE. Se japplikaw obbligi ta' rappurtar għall-Istati Membri, għal benefiċjarji oħra u għall-Kummissjoni.

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA / TAL-INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

- L-ebda linja baġitarja eżistenti

- Linji baġitarji ġodda mitluba

<u>Skont l-ordni</u> tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja Baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru	Diff./Mhux diff.	mill-pajjiżi tal-EFTA	mill-pajjiżi kandidati	mingħand pajjiżi terzi	skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1046/2018

3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

Il-proposta ma għandha l-ebda impatt fuq in-nefqa. Linja p.m. se tinħoloq fil-proċedura baġitarja.

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa

Miljuni ta' EUR (aġġustati sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali		

DĠ: BUDG			**Sena 2020**	**Sena 2021**	**Sena 2022**	**Sena 2023**	**Sena 2024**	**Sena 2025**	**Sena 2026**	**Sena 2027**	**TOTAL**
• Approprjazzjonijiet operazzjonali											
	Impenji	(1)									
	Pagamenti	(2)									
TOTAL ta' approprjazzjonijiet għad-DĠ BUDG	Impenji	=1+3									
	Pagamenti	=2+3									
• TOTAL tal-approprjazzjonijiet operazzjonali	Impenji	(4)									
	Pagamenti	(5)									
• TOTAL ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi		(6)									
Approprjazzjonijiet Totali	Impenji	=4+ 6									

(intestatura 2**)**	Pagamenti	=5+ 6									

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	**7**	“Nefqa amministrattiva”

Miljuni ta’ EUR (aġġustati sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

		Sena **2020**	Sena **2021**	Sena **2022**	Sena **2023**	Sena **2024**	Sena **2025**	Sena **2026**	Sena **2027**	**TOTAL**
DĠ BUDG										
• Riżorsi umani		0,86	3,38	3,38	3,38	3,38	3,38	3,38	3,38	24,516
• Nefqa amministrattiva oħra										
TOTAL għad-DĠ BUDG	Approprjazzjonijiet	0,86	3,38	3,38	3,38	3,38	3,38	3,38	3,38	24,516

TOTAL tal-approprjazzjonijiet fl-INTESTATURA 5 (2020) U l-INTESTATURA 7 (2021-2027) tal-qafas finanzjarju pluriennali	(Total ta’ impenji = Total ta’ pagamenti)	0,86	3,38	3,38	3,38	3,38	3,38	3,38	3,38	24,516

Miljuni ta’ EUR (aġġustati sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

		Sena **2020**	Sena **2021**	Sena **2022**	Sena **2023**	Sena **2024**	Sena **2025**	Sena **2026**	Sena **2027**	**TOTAL**
Total tal-approprjazzjonijiet fil-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	0,86	3,38	3,38	3,38	3,38	3,38	3,38	3,38	24,516
	Pagamenti	0,86	3,38	3,38	3,38	3,38	3,38	3,38	3,38	24,516

3.2.2. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali

– ☐ Il-proposta / l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali

– **X** Il-proposta / l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali fis-snin bażitarji 2020-2027: ħlas ta' interessi kif indikat fit-tabella ta' hawn fuq

3.2.3. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

3.2.3.1. Sommarju

– ☐ Il-proposta / l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

– X Il-proposta / l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

Miljuni ta' EUR (aġġustati sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

	Sena **2020** [9]	Sena **2021**	Sena **2022**	Sena **2023**	Sena **2024**	Sena **2025**	Sena **2026**	Sena **2027**	**TOTAL**
INTESTATURA 5 (7 mill-2021) tal-qafas finanzjarju pluriennali									
Riżorsi umani	0,86	3,38	3,38	3,38	3,38	3,38	3,38	3,38	24,516
Nefqa amministrattiva oħra									
Subtotal tal-INTESTATURA 5 (7) tal-qafas finanzjarju pluriennali	0,86	3,38	3,38	3,38	3,38	3,38	3,38	3,38	24,516
Barra mill-INTESTATURA 5[10] of the multiannual financial framework									
Riżorsi umani									
Nefqa oħra ta' natura amministrattiva									
Subtotal Barra mill-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali									
TOTAL	0,86	3,38	3,38	3,38	3,38	3,38	3,38	3,38	24,516

2020: 10 postijiet għal 6 xhur, 5 SNEs għal 3 xhur. Mill-2021: 18-il post u 8 SNEsL-approprjazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u għal nefqa oħra ta' natura amministrattiva se jiġu koperti mill-approprjazzjonijiet tad-DĠ li diġà jkunu assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u / jew li diġà jkunu ġew riassenjati fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kull allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

9 Is-Sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta / tal-inizjattiva.

10 Assistenza u nefqa teknika u / jew amministrattiva li jappoġġaw l-implimentazzjoni ta' programmi u / jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta u riċerka diretta.

3.2.3.2. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani

– ☐ Il-proposta / l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' riżorsi umani.

– **X** Il-proposta / l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

L-istima trid tiġi espressa f'unitajiet ekwivalenti għall-full-time

	Sena **2020**	Sena **2021**	Sena **2022**	Sena **2023**	Sena **2024**	Sena **2025**	Sena **2026**	Sena **2027**	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi t-tul ta' żmien tal-impatt (ara l-punt 1.6)
• Pożizzjonijiet fil-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u aġenti temporanji)									
XX 01 01 01 (Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni)	10	18	18	18	18	18	18	18	8 AD, 10 AST
XX 01 01 02 (Delegazzjonijiet)									
XX 01 05 01 (Riċerka indiretta)									
10 01 05 01 (Riċerka diretta)									
• Persunal estern (f'unitajiet Ekwivalenti għall-Full-Time: FTE)[11]									
XX 01 02 01 (AC, END, INT mill-"pakkett globali")	5	8	8	8	8	8	8	8	8 SNE
XX 01 02 02 (AC, AL, END, INT u JED fid-delegazzjonijiet)									
XX 01 04 **ss** [12] - fil-Kwartieri Ġenerali									
XX 01 04 **ss** [12] - fid-Delegazzjonijiet									
XX 01 05 02 (AC, END, INT - Riċerka indiretta)									
10 01 05 02 (AC, END, INT - Riċerka diretta)									
Linji baġitarji oħra (speċifika)									
TOTAL	15	26	26	26	26	26	26	26	

DĠ BUDG huwa l-qasam ta' politika jew it-titolu baġitarju kkonċernat.

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jiġu koperti mill-persunal tad-DĠ li diġà jkun assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u / jew li diġà jkun ġie riassenjat fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

Uffiċjali u persunal temporanju	Ħruġ ta' dejn, amministrazzjoni ta' self u kontabbiltà, saldu.
Persunal estern	Ħruġ ta' dejn, amministrazzjoni ta' self u kontabbiltà, saldu.

11 AC = Persunal Kuntrattwali; AL = Persunal Lokali; SNE = Espert Nazzjonali Sekondat; INT = persunal tal-aġenziji; JED = Esperti Żgħażagħ f'Delegazzjonijiet.

12 Sottolimitu għall-persunal estern kopert minn approprjazzjonijiet operazzjonali (li qabel kienu l-linji "BA").

3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali

– **X** Il-proposta / l-inizjattiva hija kompatibbli mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali u propost.

– ☐ Il-proposta / l-inizjattiva se tkun tinvolvi riprogrammar tal-intestatura rilevanti fil-qafas finanzjarju pluriennali.

– ☐ Il-proposta / l-inizjattiva teħtieġ l-applikazzjoni tal-istrument ta' flessibbiltà jew ir-reviżjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali.

3.2.5. Kontribuzzjonijiet minn terzi

– Il-proposta / l-inizjattiva ma tipprevedix kofinanzjament minn partijiet terzi.

– X Il-proposta / inizjattiva tipprovdi għall-kofinanzjament stmat hawn taħt:

L-ebda kofinanzjament; madankollu, proviżjonament għal garanziji baġitarji jista' jiġi pprovdut għal programm speċifiku tal-Unjoni sal-ammont ta' impenji volontarji pprovduti mill-Istati Membri li jiżguraw il-ħlas lura tas-self mill-Unjoni.

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

– ☐ Il-proposta / l-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

– **X** Il-proposta / l-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:

– X fuq id-dħul assenjat (il-linja ta' dħul tal-baġit għad trid tiġi ddeterminata)

Matul il-perjodu ta' implimentazzjoni, EUR 537,4 biljun (fi prezzijiet tal-2018) minn rikavati ta' operazzjonijiet ta' self se jikkostitwixxu dħul assenjat estern iddedikat għal għotjiet lill-Istati Membri u garanziji baġitarji.

EUR biljun (arrotondati)

	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	totali	Wara l-2027[13]
prezzijiet kostanti 2018	35,0	84,5	111,8	122,5	74,5	34,4	17,9	480,7	19,3
prezzijiet kurrenti	37,1	91,5	123,5	138,0	85,6	40,3	21,4	537,4	23,1

[13] Tinkludi differenzi tat-traduzzjoni.